MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 547/2012

**Christian Mifsud (ID 506878M)**

***kontra***

**F1 Autotest Limited (C26125)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-30 ta` Mejju 2012 li jaqra –

*1. Illi l-esponent huwa azzjonist u kif ukoll direttur fil-kumpannija intimata ;*

*2. Illi fil-kumpannija intimata hemm azzjonist iehor u cioe` s-Sur Kevin Tonna (ID579390M) li ghandu hamsin fil-mija (50%) tal-azzjonijiet, l-istess kif ghandu l-esponent (ara Memorandum u Statut tal-Kumpannija hawn anness u mmarkat Dok. A) ;*

*3. Illi Kevin Tonna kien ukoll direttur tal-kumpannija u dan sakemm irrizenja fil-5 ta` Marzu 2009 wara li kien ilu iktar minn sentejn ma juri interess fil-kumpannija intimata (ara Form K relattiva ghar-rizenja ta` Kevin Tonna minn direttur, hawn annessa u mmarkata Dok. B) ;*

*4. Illi effettivament in-negozju tal-kumpannija ilu sospiz ghal perijodu ininterrott ta` iktar minn erbgha u ghoxrin xahar u fil-fatt il-kumpannija ilha ma topera ghal iktar minn hames snin shah ;*

*5. Illi l-Memorandum u l-Istatut tal-kumpannija jistipula wkoll li l-gestjoni tal-kumpannija intimata tehtieg zewg diretturi ; Illi wara r-rizenja minn direttur, Kevin Tonna, qata` kull kuntatt minn mal-kumpannija u ma regax resaq biex jigi appuntat direttur minfloku ;*

*6. Illi peress li Kevin Tonna minkejja nterpellat diversi drabi, qieghed jibqa` intransigenti, peress li n-negozju ilu sospiz ghal zmien twil u peress li l-kumpannija ma tistax topera b`direttur wiehed, hemm lok li din tigi xolta u stralcjata ;*

*7. Illi peress li dawn huma kollha ragunijiet li jaghtu lok ghax-xoljiment tal-kumpannija intimata skond l-Artikolu 214(2)(a)(i), 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*8. Illi l-fatti dikjarati fil-paragrafi 1 sa 6, l-esponent jafhom huwa personalment ;*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta` intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull ordni jew provvediment illi hija tqis xierqa u opportuni, m`ghandhiex joghgobha :*

*(1) Tordna x-xoljiment u stralc tal-kumpannija F1 Autotest Limited u dan ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(i), 214(2)(b)(ii) u 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*(2) Tahtar stralcjarju ghall-kumpannija F1 Autotest Limited u taghtih is-soliti poteri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta` Gunju 2012 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kumpannija intimata li nghatat zmien ghoxrin (20) jum biex twiegeb u fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2012 fid-9.00 a.m.

Rat illi l-kumpannija intimata kienet debitament notifikata fl-ufficcju registrat taghha.

Rat illi gietx prezentata risposta.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Claudette Fenech bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji, ta` Robert Pullicino u tar-rikorrent fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2012 u qieset id-dokumenti illi kienu prezentati bhala prova waqt din l-udjenza.

Illi l-kumpannija intimata ma dehritx ghal din l-udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar mid-difensur tar-rikorrent fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Fil-kawza tal-lum, it-talba ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija qeghda ssir mir-rikorrent bhala kontributorju ghax azzjonista tal-kumpannija. Ir-rikorrent qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq tliet disposizzjonijiet partikolari tal-Kap.386.

**1) <u>L-Art.214(2)(a)(i)</u>**

Fis-subinciz (2) tal-Art.214, l-Att dwar il-Kumpanniji jaghti fil-paragrafu (a) elenku ta` cirkostanzi fejn

kumpannija **<u>tista` tigi xjolta u stralcjata</u>** mill-qorti. Fost dawn ic-cirkostanzi, hemm dak indikat (i) li jaqra hekk – *jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiz ghal perjodu bla waqfien ta` erbgha u ghoxrin xahar.*

Is-*source* ta` din id-disposizzjoni kien l-Art.12(1)(d) tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra, li kien soggett ghal revizjoni wara d-dhul fis-sehh tal-Enterprise Act 2002 tal-Ingilterra.

Fil-**<u>Palmer's Company Law</u>** (25th Edition - Sweet and Maxwell) insibu hekk dwar *'failure to commence business or suspension of business*' –

*"The court's jurisdiction is discretionary and the fact that the petitioner can establish this ground does not give him an automatic right to an order (re. Metropolitan Railway Warehousing Co. Ltd 1887.36.LJCh 827). The court has refused to make an order where there are good reasons for the delay and where the great majority of members desire that the company shall continue. An order may however be made in appropriate circumstances against the majority's wishes. Where the business has merely been suspended the court must be satisfied of an abandonment or inability to carry on. In ascertaining such intention the court will have regard to the opinion and wishes of the majority of shareholders whose names appear on the register. Merely abandoning one of several objects is insufficient (re. Norwegian Titanic Iron Co. (1866) 35 Beav.223)*".

**2) <u>L-Art.214(2)(b)(ii)</u>**

Fil-paragrafu (b) tal-istess subinciz (2) tal-Art.214, hemm elenku iehor ta` cirkostanzi fejn kumpannija **<u>ghandha tkun xolta bil-qorti</u>**. Fost dawn ic-cirkostanzi hemm dik indikata (ii) li tghid : *in-numru ta' diretturi jkun*

*nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur*.

Din id-disposizzjoni trid tinqara flimkien mas-subinciz (3) tal-istess Art.214 li jghid hekk –

*Fil-kazijiet ta' xoljiment li jaqghu taht is-subartikolu (2)(b), il-qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, tiddeciedi jekk il-kumpannija ghandhiex tkun stralcjata mill-qorti jew volontarjament :*

*Izda ghall-finijiet tas-subparagrafi (ii) u (iv) ta' l-imsemmi paragrafu (b), il-qorti fid-diskrezzjoni taghha u jekk tintwera raguni xierqa tista', u ghall-finijiet tas-subparagrafu (i) ta' l-istess paragrafu l-qorti ghandha, qabel ma tordna x-xoljiment tal-kumpannija, taghti perjodu ta' zmien ta' mhux iktar minn tletin jum, li fih il-kumpannija tkun tista' tirrimedja n-nuqqas, u malli tinghata prova li dak in-nuqqas ikun gie rimedjat, il-qorti ma ghandhiex tordna x-xoljiment tal-kumpannija.*

Mela bhala **<u>punt ta` dritt</u>**, ghandu jinghad illi fil-kaz illi *n-numru ta' diretturi jkun nizel ghal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 u jibqa' hekk nieqes ghal aktar minn sitt xhur*, il-qorti fid-diskrezzjoni taghha **<u>u</u>** jekk tintwera raguni xierqa ***tista`*** qabel ixxolji l-kumpannija taghti zmien ta` mhux aktar minn tletin (30) jum fejn jista` jigi rimedjat in-nuqqas. Il-qorti ma tghaddix ghax-xoljiment jekk taghzel li taghti zmien biex jigi rimedjat in-nuqqas **u** tinghata prova li dak in-nuqqas kien fil-fatt gie rimedjat.

3) **<u>L-Art.214(2)(b)(iii)</u>**

Cirkostanza ohra elenkata fil-paragrafu (b) tas-subinciz (2) tal-Art.214, fejn kumpannija **<u>ghandha tkun xolta bil-qorti</u>** hija dik indikata (iii) li tghid hekk : *il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija*. Il-ligi ma taghtix tifsira tar-*ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-*

*istralc tal-kumpannija* ghaliex thalli fid-diskrezzjoni wiesa' tal-gudikant sabiex jizen il-fatti u cirkostanzi ta' kull kaz u fuq li jirrizulta jipprovdi konformement. Fi kwalunkwe kaz pero` r-*ragunijiet* ghalkemm mhux definiti jridu jkunu *gravi bizzejjed li jiggustifikaw* xoljiment u stralc.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Provi</u>**

Fit-28 ta` Marzu 2000, saret ir-registrazzjoni mar-Registratur tal-Kumpanniji tal-kumpannija F1 Autotest Limited bin-Numru ta` Registrazzjoni C26125 (ara Dok CF1). Skond il-*Memorandum* tal-kumpannija, diversi kienu l-ghanijiet li ghalihom saret il-kumpannija, ewlieni fosthom *to carry on vehicle roadworthiness testing and mechanical repairs on motor vehicles.* L-*authorised share capital* tal-kumpannija kien ta` elfejn lira (Lm2,000) diviz f`elfejn (2,000) sehem ordinarju ta` lira kull sehem. L-*issued share capital* kien ta` elf lira (Lm1,000) diviz f`elf (1,000) sehem bil-valur ta` lira ghal kull sehem *fully paid up.* L-ishma huma maqsuma ndaqs u cioe` hames mitt (500) sehem kull wiehed bejn ir-rikorrent u Kevin Tonna. L-amministrazzjoni u t-tmexxija tal-kumpannija kienet f`idejn zewg diretturi li kienu z-zewg azzjonisti stess. Kull direttur kellu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-kumpannija. Is-segretarju tal-kumpannija huwa Kevin Tonna. B`effett mill-5 ta` Marzu 2009, Kevin Tonna rrizenja minn direttur, ghalkemm baqa` azzjonista u segretarju tal-kumpannija. Skond l-*Articles of Association* (ara clause 11) *decisions of board meetings shall be carried out by consensus, that both directors have to be in agreement.* Risoluzzjonijiet fil-laqghat generali tal-kumpannija jghaddu bil-vot tal-membri li jkollhom hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-ishma.

Ir-**<u>rikorrent</u>** xehed illi wara sena u nofs jahdmu tajjeb, Kevin Tonna korra f` incident tat-traffiku, dam l-

isptar tliet xhur, izda wara li hareg mill-isptar, ma setax jibqa` jaghmel fix-xoghol ta` auto-mechanic li huwa xoghol ta` strapazz. Anzi waqaf imur ghax-xoghol. Huwa baqa` jinsisti ma` Tonna biex jara x`se jaghmlu izda ma kien iwiegbu xejn. Billi hu ma setax jibqa` jahdem wahdu, ir-rikorrent kellu jaghlaq. Il-kumpannija waqfet topera fl-2006. Ipprova jikkonvinci lil Tonna biex ixolju l-kumpannija b`mod volontarju izda Tonna ma kkoperax. Anzi rrizenja minn direttur. Kellu ghalhekk jirrikorri ghall-qorti.

**<u>Robert Pullicino</u>** awditur tal-kumpannija xehed illi fil-bidu tal-operat tal-kumpannija, l-accounts kienu jitlestew fuq bazi regolari. L-ahhar accounts li tlestew kienu dawk ghas-sena 2004. Ir-rikorrent kien infurmah illi d-direttur l-iehor Kevin Tonna ma kienx qed imur ghax-xoghol u n-negozju kien sejjer lura sakemm waqaf ghal kollox. Biex isir xoljiment tal-kumpannija ma kellux ikun hemm problemi ghaliex la kien hemm krendituri u lanqas debituri billi kienu jahdmu *on a cash basis.* Kevin Tonna ma kienx qed jiffirma l-accounts ghalhekk ma setax ighaddi xejn aktar ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji. U r-rikorrent kien preokkupat b`dan l-istat ta` fatt. Il-kumpannija waqfet topera fl-2006-2007. U wara ma ghamlitx aktar negozju. Kienet *non-trading.*

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Risultanzi</u>

### 1) <u>L-Art.214(2)(a)(i)</u>

L-ahhar *abridged financial statements* tal-kumpannija li kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji kienu dawk ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2003. Il-*balance sheet* kienet iffirmata miz-zewg diretturi fit-30 ta` Settembru 2004. Il-kwadru

finanzjarju li johrog ghal dik is-sena fl-assjem taghha ma kienx negattiv. Jikkorrabora dak li xehed ir-rikorrent li fil-bidu tal-operat taghha l-kumpannija kienet miexja tajjeb.

Ma jirrizultax illi kienu prezentati aktar *financial statements* ghas-snin ta` wara. Din il-qorti ghandha l-istqarrija bil-gurament tar-rikorrent illi tghid illi l-kumpannija waqfet topera ghal aktar minn sentejn. Mhuwiex kontradett ir-rikorrent meta jghid li l-azzjonista l-iehor Kevin Tonna kien inattiv ghal kollox fil-kumpannija ghal numru ta` snin certament ghal aktar minn sentejn. Mhux biss izda b`effett mill-5 ta` Marzu 2009, irrizenja minn direttur, fatt li gab paralizi shiha fil-kumpannija, ladarba l-*memorandum* jistabilixxi tassattivament li l-bord tad-diretturi kellu jkun kompost minn zewg diretturi.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi n-negozju tal-kumpannija ilu sospiz bla waqfien ghal aktar minn erbgha u ghoxrin (24) xahar.

**2) L-Art.214(2)(b)(ii)**

Dik tal-lum hija kumpannija privata. Skond l-Art.137(2) tal-Kap.386, kull kumpannija privata ghandu jkollha ghall-anqas direttur wiehed. Fil-kaz tal-lum, meta kienet kostitwita l-kumpannija, iz-zewg azzjonisti li jippossjedu ndaqs l-ishma kollha ftehmu li l-kumpannija jkollha zewg diretturi. Ftehmu wkoll li t-tmexxija tal-kumpannija ssir miz-zewg diretturi. Bir-rizenja ta` Kevin Tonna minn direttur, u n-nuqqas ta` hatra ta` direttur in sostituzzjoni ghalih, it-tmexxija tal-kumpannija kellha tieqaf, din id-darba anke mil-lat legali. Mela n-negozju taghha kien diga` waqaf qabel il-5 ta` Marzu 2009, u wara dik id-data, effett tar-rizenja ta` Kevin Tonna minn direttur, it-tmexxija taghha stagnat ghal kollox. U hekk baqghet is-sitwazzjoni anke llum. Ghalhekk jirrizulta pruvat dak li hemm mahsub fil-paragrafu (ii) tal-Art.214(2)(b). Waqt il-gbir tal-provi, din il-Qorti ma ltaqghet mal-ebda fatt jew

cirkostanza li jwassalha biex tikkonkludi li hemm raguni xierqa biex hi tezercita d-diskrezzjoni taghha li taghti zmien biex in-numru ta` diretturi jerga` jitla` ghal dak indikat fil-memorandum tal-kumpannija.

3) **L-Art.214(2)(b)(iii)**

Hija l-fehma ta` din il-Qorti li l-fatt li n-negozju tal-kumpannija issa ilu s-snin wieqaf u l-fatt illi wiehed miz-zewg diretturi li flimkien iridu jmexxu l-kumpannija rrizenja bla ma kien sostwit huma ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.

Issir riferenza ghall-pagna 1019 et seq tal-ktieb tal-**Prof Andrew Muscat** – *Principles of Maltese Company Law* (Malta University Press).

Fost it-*types of situation that qualify as grounds of sufficient gravity,* Prof Muscat isemmi *disappearance of the substratum* u jfissru hekk fil-pagna 1020 –

*"A company`s substratum is the purpose or group of purposes which it is formed to achieve – in other words its main objects. If the company has abandoned all of its main objects (and not merely some of them) or if in practice it cannot achieve any of them, then its substratum has disappeared .."*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-*main object* tal-kumpannija kien dak ta` *automechanic repairs.* Dak ix-xoghol ma baqax isir, anzi waqaf ghal kollox ghal diversi snin. U ma rrizultax li l-kumpannija qatt esegwiet xi iehor mill-*objects* l-ohra taghha.

Il-Prof. Muscat isemmi wkoll id-*deadlock* fil-pagna 1022 u cioe` -

*“A company would usually be in a ‘deadlock’ situation if it becomes impossible to mnanage its affairs because the voting power at board and general meetings is divided between two opposing groups. A deadlock situation typically arises where a company has two shareholders who are its only directors anmd the shareholders hold an equal number of voting shares. ?If they disagree aon major questions in respect of the management of the company, they may be unable to break the deadlock both at board meetinbg and at general meeting level. ?Managament and otherc deciusioins vital; to the company will the cease to be taken.,*

Propju hekk jirrizulta li gara fil-kaz tal-lum. Fil-kumpannija *de qua* kien hemm *deadlock* fit-tmexxija tal-kumpannija bir-rizenja ta` Kevin Tonna minn direttur u bin-nuqqas ta` sostituzzjoni tieghu mill-istess Kevin Tonna li jippossjedi nofs l-ishma kollha tal-kumpannija, li fl-istatut taghha, hemm mahsub li decizjoni f`laqgha generali tghaddi bil-vot ta` 75% tal-ishma.

**Billi jirrizultaw ippruvati l-lanjanzi tar-rikorrent fir-rigward tat-tliet disposizzjonijiet li abbazi taghhom ressaq l-istanza tieghu, din il-Qorti tghid illi ghandha bizzejjed fatti u cirkostanzi ghall-konjizzjoni taghha sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija de qua.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, din il-Qorti hekk tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent –**

**1. Tiddikjara illi jissussistu r-rekwiziti kollha tal-Art.214(2)(a)(i), tal-Art.214(2)(b)(ii) u tal-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2. Tordna x-xoljiment tal-kumpannija intimata F1 Autotest Limited (C26125) b`effett mil-lum u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3. Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha stabbiliti mil-ligi, b`dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni fuq il-qaghda tal-kumpannija intimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386, jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**(b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija intimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija intimata.**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**(f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**4. L-ispejjes kollha jithallsu mill-kumpannija intimata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------